MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 28/2009

**Rita Sultana**

**Vs**

**L-avukat Dottor Monica Vella**

**Responsabbilta' ta' nutar li jiddepozita atti fl-Arkivju Notarili jew li jinhatar nutar konservatur wara li ma jkomplix jezercita professjoni ta' nutar**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Marzu 2009, l-attrici ppremettiet li fis-26 ta' Settembru 1997 fil-5.00 p.m. Caterina Vella, omm l-attrici dakinhar armla ta' Paul Vella, ghamlet testment quddiem il-konvenuta, li dak iz-zmien kienet tezercita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku, li permezz tieghu irrevokat kull testment li setghet ghamlet qabel, halliet b'titolu ta' legat lill-attrici sehemha mid-dar matrimonjali numru 3, Sqaq numru 1, Triq Santa Marija Xewkija Ghawdex, ezentat lill-uliedha mill-imputazzjoni u

kollazzjoni u nnominathom eredi universali taghha f'ismha ndaqs bejniethom. B'testment iehor li ghamlet quddiem l-istess intimata fis-16 ta' Dicembru 1997 fis-6.p.m., varjat it-testment tas-26 ta' Settembru 1997 billi ordnat li l-legat kellu jinkludi l-mandra tieghu.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuta rrifjut li taghtiha kopja formali tal-istess testmenti ghalkemm tatha kopja informali.

L-attrici m'ghandix mod iehor kif takkwista kopja formali tal-istess testmenti stante illi meta ma baqghetx tipprattika l-professjonali notarili, il-konvenuta la ddepozitat l-originali tat-testmenti fl-arkivju Notarili ta' Ghawdex, la zammet kopja tieghu u l-anqas hatret nutar konservatur kif kellha d-dmir *ex lege* li taghmel.

L-attrici ghandha nteress li tigi moghtija kopja formali tat-testmenti fuq imsemmija u fin-nuqqas li jista' jsir dan, li jigi ddikjarat gudizzjarjament tal-kopji informi taghhom fuq imsemmija jikkostitwixxu l-ahhar volonta' testamentarja ta' ommha.

In-nuqqas tal-konvenuta li taghti vera kopja tat-testment irreka danni sostanzjali lill-istess attrici peress li ma tistax titlob il-likwidazzjoni u qsim tal-wirt tal-genituri taghha minn ma' hutha ko-werrieta taghha u lanqas tista' titlobhom l-immissjoni fil-pussess tal-legat lilha rilaxxat u l-anqas tista' tipprezenta d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' ommha u allura hija passibbli ghas-sanzjonijiet amministrattivi u penalitajiet ikkontemplati mil-ligijiet fiskali fid-dewmien li tipprezenta tali dikjarazzjoni.

Ghalhekk l-attrici qeghda titlob lil din il-qorti sabiex bl-ispejjez inkluzi dawk ta' konsulti legali, laqghat u servizzi legali ohra, ittra mibghuta mill-avukat tar-rikorrenti u l-ittra ufficcjali tas-26 ta' Gunju 2008, ta' Lulju 2008:-

1. Tordna lill-konvenuta taghtiha kopji legali, formali u awtentikati tat-testment tal-genituri taghha fuq indikati
2. Fin-nuqqas li l-konvenuta taghmel dan, tiddikjara li l-kontenut tal-kopji informali taghhom fuq imsemmija

jikkostitwixxu l-ahhar volonta' testamentarja ta' omm l-attrici.
3. Tillikwida d-danni li l-attrici sofriet kawza tal-agir illegali taghha
4. tikkundanna lill-intimata thallasha l-istess danni bl-imghax legali mid-data tas-sentenza tad-data tal-eventwali hlas effettiv.

Il-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata fit-terminu kontemplat mil-ligi.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob, fost'affarijiet ohra, hlas ta' danni li ssostni li sofriet minhabba l-agir tal-konvenuta. Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:

a. L-attrici hi bint Caterina Vella li mietet fis-27 ta' Marzu 2005.
b. Il-konvenuta kienet ghamlet zmien qasir tipprattika bhala nutar pubbliku. Xehedet li kellha l-warrant sabiex tezercita l-professjoni ta' nutar f'Lulju 1997 (fol. 98). F'dan il-perjodu Caterina Vella kienet ghamlet zewg testment, wiehed fis-26 ta' Settembru 1997 u l-iehor fis-16 ta' Dicembru 2007.
c. Il-konvenuta ma komplitx tipprattika ta' nutar b'effett mit-18 ta' Dicembru 1997 meta rrizenjat il-hatra taghha ta' nutar pubbliku (fol. 64).
d. Wara l-mewt ta' Caterina Vella, l-attrici talbet lill-konvenuta taghtiha kopji tat-testmenti li ghamlet ommhom.
e. Il-konvenuta kienet qeghda ssostni li dawn id-dokumenti ma kienux fil-pussess taghha (ara verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2009 – fol. 38 u kopja ta' ittra ufficjali prezentata fil-15 ta' Lulju 2008[1] – fol. 8).
f. Jirrizulta li n-nutar Dr Roland Wadge, fil-vesti tieghu ta' President tal-Kunsill Notarili, kien matul is-sena 2009

[1] *"...... l-imsemmija atti m'ghadhomx fil-pussess tieghi u ilhom snin mhumiex fil-pussess tieghi."*.

ipprova jikkomunika mal-konvenuta pero ma rnexxilux (ara affidavit a foll. 36.).

g. Permezz ta' nota prezentata fil-15 ta' Gunju 2009 il-konvenuta kkonfermat li t-testmenti li ghamlet Caterina Vella kienu nstabu waqt li kienet qeghda tnehhi files u dokumenti minn kaxxi li ntuzaw meta ttraslokat ghall-ufficcju gdid.

h. Fid-9 ta' Ottubru 2009 il-konvenuta pprezentat rikors quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili u talbet sabiex in-nutar Dr Paul George Pisani jinhatar bhala konservatur tal-atti publikati minnha fiz-zmien li kienet qeghda tezercita l-professjoni ta' nutar. Permezz ta' digriet moghti fl-20 ta' Ottubru 2009, it-talba giet milqugha (fol. 104).

i. Fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Ottubru 2009 deher avviz li n-nutar Dr Paul George Pisani gie nominat bhala nutar delegat/konservatur tal-atti pubblikati min-nutar Dr Monica Vella meta kienet tipprattika l-professjoni ta' nutar pubbliku (fol. 103).

2. Jibda biex jinghad li fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-15 ta' Frar 2010, il-konvenuta pprovat tiggustifika ruhha ghalfejn ma pprezentatx risposta guramentata fit-terminu preskritt mil-ligi ghaliex:- *"..... kif graw l-affarijiet li kieku hi hadet gurament fuq dik ir-risposta kif preparata kieku kienet tiehu gurament falz, haga li hija qatt ma tista' taghmel u ma riditx taghmel."*. Raguni li ssemmiet biss f'dan l-istadju u li fil-fehma tal-qorti hi biss skuza. Il-konvenuta kellha kull opportunita li tipprezenta risposta guramentata u tghid il-fatti kif kienet tafhom hi f'dak iz-zmien. Kienet xelta libera taghha li ma tipprezentax ir-risposta fiz-zmien kontemplat mil-ligi minn meta giet notifikata bir-rikors guramentat u avviz ta' smiegh fis-26 ta' Mejju 2009 (fol. 24).

3. Skond l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivju Nutarili (Kap. 55), nutar jispicca mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu *"jekk jaghmel rinunzja bil-miktub tal-professjoni tieghu lill-President ta' Malta."*. Din il-ligi tipprovdi x'ghandu jsir bl-atti li jkollha fil-pussess taghha l-

persuna li ma tkomplix fil-professjoni ta’ nutar (Artikolu 70). L-atti ricevuti min-nutar, bir-registri u indicijiet *“....ghandhom* ***jitqieghdu fl-Arkviju, kemm-il darba l-Qorti ta’ Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili ma tahtarx nutar konservatur jew kustodju ta’ dawk l-atti jew registri, fuq talba......... jew, skond il-kaz, tan-ntuar innifsu li jkun spicca mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu.......”***. Hu evidenti li f’dan il-kaz il-konvenuta naqset milli taghmel dak li kienet timponi fuqha l-ligi.

Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta kienet tat is-servizz professjonali lil Caterina Vella, omm l-attrici, b’daqshekk ma jfissirx li ma tistax tkun responsabbli lejn l-attrici ghad-danni li setghet sofriet.

Fil-kawza **Carmel Galea et vs Nutar Pubbliku Dr Pierre Falzon** deciza mill-Qort tal-Appell fid-9 ta’ Ottubru 2009, inghad:-

*“Il-funzjoni tan-Nutar Pubbliku Malti hija doppja: dik ta’ ufficjal pubbliku, fejn in-nutar ghandu l-funzjoni illi jaghti fidi pubblika lil atti jew dokumenti li jirredigi u li jircievi, u dik ta’ professjonist liberu u indipendenti, li ghandu responsabbilita` lejn il-partijiet li jkunu talbu s-servizz tieghu u jkun allura partecipi fl-att notarili minnu redatt. Dawn iz-zewg funzjonijiet jipprotegu zewg interessi separati izda li huma intrinsici fil-professjoni ta’ nutar pubbliku;* ***in-nutar ghandu r-responsabbilita` li jissalvagwardja l-interess pubbliku kif ukoll l-interess privat. In-nutar pubbliku jissalvagwardja l-interess pubbliku billi jirredigi bil-formulatajiet kollha skond il-ligi, atti fost il-hajjin u testmenti, jaghtihom fidi pubblika, jippreservahom u jaghti kopji u estratti ta’ dawn l-atti u testmenti (art. 2(1) tal-Kap. 55 – Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili).”*** (enfazi ta’ din il-qorti.).

4. Permezz tal-ewwel zewg talbiet l-attrici qeghda titlob li:-

(a) Tordna lill-konvenuta taghti kopja legali, formali u awtentika tat-testment ta’ Carmela Vella.
(b) Fin-nuqqas tiddikjara li l-kopji nformali li nghatat huma l-ahhar volonta’ testamentarja ta’ omm l-attrici.

Illum il-gurnata dawn it-talbiet gew sorvolati in kwantu fil-mori tal-kawza l-konvenuta ghamlet dak li suppost ghamlet fl-1997, cjoe’ meta rrinunzjat ghall-professjoni taghha ta’ nutar. Madankollu l-attrici baqghet ma rrinunzjatx ghal dawn it-talbiet, fattur li fil-fehma tal-qorti hu rilevanti ghal finijiet tal-kap tal-ispejjez. Il-qorti tirrileva wkoll li:-

(a) Qatt ma setghet tordna lill-konvenuta li taghti kopja legali tat-testmenti li saru fis-26 ta’ Settembru u 6 ta’ Dicembru 1997, in kwantu b’sehh mit-18 ta’ Dicembru 1997 m’ghadix tezercita l-professjoni ta’ nutar. Skond l-Artikolu 74 hu n-nutar li jrid jaghti kopji jew estratti tal-atti ricevuti minnu. Il-kopji li jinghataw min-nutar ghandhom:- *“....fl-ahhar ikollohom id-data ta’ meta jinghataw u ghandhom ikunu awtentikati min-nutar billi jaghmel il-firma tieghu u l-kelmiet “jaqbel ma’ l-original” jew dikjarazzjoni ohra bhal din.”* (Artikolu 77). Fejn hemm iktar minn folja wahda, kull wahda ghandha tkun iffirmata min-nutar. Certament li fejn ma jkunx kompla jezercita l-professjoni tieghu, hu n-nutar konservatur[2] jew l-arkivist li jridu jaghtu kopji tal-atti. Mela din it-talba qatt ma setghet tintlaqa’.

(b) Fir-rigward tat-tieni talba, m’hemmx dubju li l-qorti ma setghet qatt tiddeciedi dwarha f’dan il-procediment. Mill-atti jirrizulta li Caterina Vella kellha tfal ohra, b’kollox tnax. Il-qorti ma setghet qatt tikkunsidra t-talba tal-attrici fl-assenza ta’ hutha l-ohra.

5. Mill-provi rrizulta li ghal finijiet ta’ dikjarazzjoni *causa mortis*, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jezigi li kopja tat-testment tigi pprezentata flimkien mal-avviz li jrid jigi prezentat (ara fol. 81 u deposizzjoni ta’ Spiridione

---

[2] Skond l-Artikolu **73:-** *"In-nutar mahtur konservatur jew kustodju fil-kazijiet imsemmijin f ’dan l-Att, g]andu, dwar l-atti jew registri mhollijin taht il-kustodja tieghu, l-istess dmirijiet li ghandu ghall-atti jew registri tieghu nnifsu.”.*

Formosa fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2009). Ir-Raba’ Skeda tal-Avviz Legali 98 tal-1993 (Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferiment) hi formola li trid tigi prezentata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal finijiet ta’ hlas ta’ taxxa meta tigi prezentata l-causa mortis. Fiha jinghad li n-nutar irid jipprezenta kopja tat-testment jew estratt minnu. Skond l-Artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, kull min jircievi mmobbli *causa mortis* ghandu d-dmir li ***“....jaghmel dikjarazzjoni ta’ dak it-trasferiment permezz ta’ att pubbliku fi zmien dak il-perjodu li jista’ jigi stabbilit.”***. F’dan il-kuntest wiehed ghandu jifhem ukoll li n-nutar li jircievi l-att ser jezigi li jinghata kopja legali tat-testment. M’hemmx dubju li l-kopji tat-testment li tat il-konvenuta m’humiex kopji kif jitlob il-Kap. 55, izda semplici *print out* ta’ dak li l-konvenuta kellha fil-kompjuter taghha. In-nutar Joanne Cauchi spjegat li kien hemm okkazzjoni li kkomunikat mal-konvenuta u staqsitha fejn jinsabu l-atti taghha; *“Qaltli li mhux qeghdin ghandha u li qeghdin ghand in-Nutar tal-Gvern ta’ Malta. Jiena cempilt kemm in-Nutar tal-Gvern t’Ghawdex u kemm in-Nutar tal-Gvern ta’ Malta u gejt infurmata illi l-atti tan-Nutar Monica Vella la kienu fl-Arkivju tan-Nutar tal-Gvern t’Ghawdex u lanqas fl-Arkivji tan-Nutar tal-Gvern ta’ Malta.”* (fol. 37).

M’hemmx dubju li r-responsabbilta’ kienet tal-konvenuta. Skond l-Artikolu 66 tal-Kap. 55:-

***“****In-nutar hu responsabbli ghal* ***kull telfien, thassir, brix jew hsara ohra li tigri bi htija tieghu fl-atti originali****, fid-dokumenti mdahhlin maghhom, fir-registri jew fl-indicijiet sakemm ikunu taht idejh.”*.

Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 55 tal-Kap. 55:-

***“****In-nutar ghandu* ***bl-akbar kura u diligenza jerfa’ f’post fil-zgur l-atti li jircievi bid-dokumenti mdahhlin maghhom sakemm iqeghdhom fl-Arkivju kif jinghad f’dan l-Att.****”.* Inoltre l-atti li jircievi kull sena ghandu jillegahom f’volumi.

Imbaghad skond l-Artikolu 71 tal-Kap. 55:-

*"Kull nutar hu s-sid tar-registri ta' l-atti li jircievi u ta' l-indicijiet rispettivi taghhom.* ***Hu jkun responsabbli ghall-harsien ta' l-atti originali ricevuti minnu sakemm dawn jigu depozitati skond id-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att.***".

Il-konvenuta kellha obbligu li tizgura li hekk kif ma komplitx tezercita l-professjoni ta' nutar, tiddepozita l-atti li kienu fil-pussess taghha fl-Arkivju Notarili jew tiehu hsieb li jinhatar nutar konservatur. Minn dan kollu ma ghamlet xejn, u kien biss wara li sabet it-testmenti originali li segwit il-procedura kontemplata mil-ligi. F'dan il-kuntest m'hemmx dubju li naqset mid-diligenza professjonali taghha. Il-konvenuta xehedet: *"Meta jiena mort biex ninghata l-warrant ta' avukat kif ghidt,* ***irritornajt il-warrant ta' Nutar, hallejtilhom pakkett, fihom kien hemm il-kuntratti u t-testmenti illi jien kont ghamilt, pero' dawn gew ritornati lili.****"* (fol. 101). Verzjoni li tkompli tikkonvinci lill-qorti li l-konvenuta naqset mid-dmirijiet legali taghha. Skond ittra datata 27 ta' Frar 1998 mibghuta mill-Ministeru tal-Gustizzja (fol. 63), fejn tissemma wkoll il-konvenuta, jirrizulta li l-warrant giet ritornata fil-Ministeru tal-Gustizzja. Fl-ittra jinghad ukoll: *"They have also been advised to file an application with the Court of Revision of Notarial Acts, indicating that they have ceased practising the Notarial profession and requesting the Court – if and where so necessary – to appoint a Notary Keeper to receive the Acts published by them."*. Il-kuntratti u testmenti qatt ma kellhom jithallew f'pakkett fil-Ministeru, u meta nghataw lura lill-konvenuta kellha obbligu li tiehu hsieb li taghmel dak li tikkontempla l-ligi sabiex ma jibqghux fil-pussess taghha. In-nuqqas tal-konvenuta li taghmel dak li timponi l-ligi fl-istess zmien li ddecidiet li tirrinunzja ghal warrant ta' nutar wassal ghal kwistjoni bla bzonn. F'dawn ic-cirkostanzi ma kienx possibbli ghall-attrici li tottjeni kopja awtentika tat-testmenti li ghamlet ommha sabiex tkun tista' taghmel id-dikjarazzjoni causa mortis skond kif jitlob il-Kap. 364. L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb,*

*jaghmel jew* ***jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi****, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*. Il-fatt li l-konvenuta qalet li fiz-zmien meta saru t-testment kienet tatha kopja[3], ma jfissirx li b'daqshekk ezonerat ruhha mir-responsabblita. Inoltre, l-provi juru li l-konvenuta kienet qeghda tipprova tfarfar ir-responsabbilta' billi ssostni li l-atti ma kienux fil-pussess taghha, meta fir-realta' rrizulta li kienu ghadhom fil-pussess taghha. Ghal dan in-nuqqas trid twiegeb il-konvenuta, li b'xorti tajba rnexxielha ssib l-atti fil-mori ta' dawn il-proceduri u b'hekk gew evitati problemi ikbar.

6. Ghal dawk li huma danni l-attrici pprezentat nota guramentata prezentata fis-6 ta' Ottubru 2009 fejn spjegat li dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

a. proceduri li kienu saru quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili - €4.66;
b. ittri ufficjali 407/2008 u 459/2008 - €104.86;
c. penali u imghaxijiet relatati ma' din il-kawza. Mill-atti ma jirrizultax kemm kellha thallas iktar l-attrici minhabba l-fatt li d-dikjarazzjoni *causa mortis* ma saritx fit-terminu ta' sitt (6) xhur minn meta nfethet is-successjoni ta' Caterina Vella. Il-perit Karmenu Borg ghamel stima li l-fond jiswa €25,000 fiz-zmien li mietet l-omm[4]. Il-prelegat imholli lill-attrici kien jikkonsisti **fin-nofs indiviz tal-fond numru 3, Sqaq numru 1, Triq Santa Marija, Xewkija, Ghawdex u mandra annessa**. Ifisser li s-sehem li kellu jigi dikjarat fil-*causa mortis* kien nofs il-fond ghaliex dak kien il-prelegat imholli lill-attrici. L-attrici ddikjarat li skond stima li ghamel il-perit Karmenu Borg il-valur attwali tal-fond hu ta' €105,000 (fol. 92). Valur li fil-fehma tal-qorti m'huwiex rilevanti in kwantu ghal finijiet ta' hlas ta' taxxa l-valur tal-proprjeta soggetta ghat-taxxa li tghaddi bi trasferiment *causa mortis*, hu l-valur tal-proprjeta' fid-data tat-trasferiment *causa mortis* (Avviz Legali 98 tal-1993 kif

[3] Xhieda tal-konvenuta fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2009. Fl-istess seduta l-attrici cahdet li ommha kienet inghatat kopja tat-testment.
[4] Fatt li ddikjarat l-attrici stess fin-nota li pprezentat fis-6 ta' Ottubru 2009 (fol. 86).

emendat matul iz-zmien). Dan apparti l-fatt li l-ahhar stima tinkludi ukoll xogholijiet li saru wara, mill-attrici.

Skond il-ligi d-dikjarazzjoni *causa mortis* ghandha ssir fi zmien sitt (6) xhur mid-data tal-mewt. L-Artikolu 35(4) tal-Kap. 364 jipprovdi li jekk id-dikjarazzjoni ssir iktar minn sena wara t-trasferiment *causa mortis*, ikun dovut hlas ta' imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) *".......kull sena jew parti minnha li tiskadi bejn l-ewwel anniversarju tad-data tat-trasferiment causa mortis u d-data ta' l-eghmil tad-dikjarazzjoni."*. Inoltre hemm ukoll penali bejn €23 u €1,160 meta persuna tonqos milli taghmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* fit-terminu preskritt mil-ligi (Artikolu 48) ghalkemm ir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni xehed li m'hemmx penali.

F'dan il-kuntest ma tressqux provi dwar kemm l-attrici ser ikollha thallas bhala penali u imghax ghaliex it-taxxa ma thallsitx fit-terminu preskritt mil-ligi. Lanqas ma rrizulta jekk huwiex dovut imghax mehud in konsiderazzjoni li skond l-istima tal-perit Borg is-sehem imholli lill-attrici hu ta' €12,500 u skond l-attrici ommha kienet tghix maghha fil-fond in kwistjoni[5].

Fic-cirkostanzi u minhabba dan l-istat ta' incertezza, il-qorti tqies li jkun iktar ekwu jekk f'dan l-istadju ma tippronunzjax ruhha dwar it-tielet u raba' talba u ser tordna lill-attrici sabiex fi zmien tmint (8) ijiem tipprezenta:-

(a) kopja awtentika tad-dikjarazzjoni *causa mortis*;
(b) kopja vera tar-ricevuta ta' hlas li ghamlet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tastjeni milli tqies l-ewwel u tieni talba in kwantu llum huma ezawriti, u ghar-ragunijiet fuq**

[5] *"Nghid li jien kont nghix m'ommi li mietet fis-27 ta' Marzu 2005. Kont nghix maghha fil-post numru 3, Sqaq numru 1, Triq Santa Marija, Xewkija, Ghawdex."* (fol. 33).

**imsemmija tordna li l-ispejjez ta' dawn it-talbiet ikunu a karigu tal-attrici.**

**2. Tiddikjara li l-konvenuta hi responsabbli ghad-danni li sofriet l-attrici.**

**3. Fir-rigward tat-tielet u raba' talba f'dan l-istadju tordna lill-attrici sabiex fi zmien tmint (8) ijiem mil-lum tipprezenta:-**

**(a) kopja awtentika tad-dikjarazzjoni *causa mortis*;**
**(b) kopja vera tar-ricevuta ta' hlas li ghamlet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.**

**Spejjez, salv dak li nghad hawn fuq, huma a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------